Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 730/2014

**Go plc**

**vs**

**Michelle Schembri**

21 ta' Ottubru, 2016.

1. Is-socjeta attrici appellat minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-24 ta' Gunju 2015 li cahdet it-talba tal-attrici ghall-hlas ta' €662.51 fir-rigward ta' Bundle Service Agreement Home Pack (AC40141964).

2. L-aggravju tal-attrici hu li t-Tribunal naqas milli jqies provi li kien hemm fl-atti, u dan wassal sabiex it-Tribunal imur kontra l-principji tal-imparzjalita u ekwita bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-attrici.

3. Il-konvenuta ma pprezentatx twegiba.

4. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"Mill-provi jirrizulta illi s-servizzi gew provduti fis-snin 2005 sa 2009, skont prospett anness mal-avviz tat-talba (Ara fol 2 u 3 tal-process). Is-Socjeta' attrici ukoll ipprezentat il-ftehim ghas-servizz telefoniku iffirmat mill-istess konvenuta fis-sena 2003 f'Hal-Tarxien. Xehdet illi hallset l-ammonti dovuti lis-Socjeta' attrici circa tlett snin qabel pero ` ma zammitx l-ircevuta ghaliex kienet marret tghix post iehor f'Birzebuggia. Iddikjarat ukoll illi marret toqghod f' Birzebuggia ghaliex kienet partet id-dar f'Hal Tarxien ma' dar f'Birzebbugia u ghalhekk kellha bilfors thallas il-pendenzi kollha. Il-konvenuta ddikjarat illi ilha toqghod Birzebuggia dawn l-ahhar erba' (4) snin u li applikat ghas-servizz tat-telefon imma dawn ma tawhiex telefon ghaliex qalulha li kellha kont pendenti.*

*It-Tribunal jinnota li, **apparti d-dokumenti prezentati mal-Avviz, is-Socjeta' attrici ma resqitx rapprezentanti taghha biex jixhdu dwar l-ammont mitlub u biex jikkonfermaw illi l-istess ma thallasx u li ghadu dovut**[1]. Jinnota wkoll illi ma sarx kontro-ezami tal-konvenuta. It-Tribunal jhoss illi kien jinkombi fuq is-Socjeta' attrici li ggib provi li l-ammont mitlub huwa dovut u li baqa' ma thallasx.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal jikkunsidra illi s-Socjeta' attrici ma gabitx il-provi necessarji in sostenn tat-talba taghha specjalment fid-dawl tax-xhieda u kontestazzjoni tal-konvenuta.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jirrespingi t-talba attrici u tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' attrici."*

---

[1] Enfażi tal-qorti.

5. Wara li l-qorti qrat l-atti tosserva li t-Tribunal kien ghal kollox zbaljat:

    i. Li l-kawza titratta dwar servizzi li nghataw fil-perjodu 2005 sa 2009. Il-kuntratt Bundle Services Agreement Home Pack 42 kien iffirmat f'Dicembru 2009. Il-hlas li tippretendi l-attrici jirreferi ghall-perjodu mid-19 ta' Frar 2010 sas-17 ta' Frar 2012.

    ii. Meta qal li l-attrici pprezentat biss provi dokumentarji u li ma ressqitx rapprezentanti taghha biex jixhdu dwar l-ammont mitlub u jikkonfermaw li l-ammont ghadu dovut. Fil-fatt l-attrici ressqet bhala xhud lil Charmaine Wiffen, *credit controller* li kkonfermat li l-ammont dovut kien dak li ntalab fl-avviz u li l-hlas kien ghadu ma sarx.

    iii. Meta qal li l-attrici m'ghamlitx kontro-ezami tal-konvenuta. Dan sar fit-23 ta' Marzu 2015. Sahansitra fis-sentenza ssemmew fatti li lanqas biss ma jirrizultaw mill-provi, bhal:

        (a) Li l-konvenuta ffirmat kuntratt ta' servizz tat-telefon fis-sena 2003 f'Hal Tarxien;
        (b) Minn hemm marret tghix Birzebbugia wara li sar tpartit mad-dar li kellha f'Hal Tarxien. Qabel dan hallset il-pendenzi kollha;
        (c) Li l-konvenuta qalet li kienet ilha tghix Birzebbugia ghal erba' snin u f'dak il-perjodu kienet applikat ghat-telefon izda ma tawhiex is-servizz ghaliex qalulha li kellha kont pendenti.

6. Mill-provi jirrizulta li l-konvenuta kienet iffirmat ftehim ta' sentejn li bih kellha tircievi servizzi minghand l-attrici, fosthom linja tat-telefon u stazzjonijiet tat-televixin. Il-konvenuta qeghda ssostni li ma kinitx qeghda tiehu s-servizz li l-attrici kienet obbligat ruhha li tatiha. Jirrizulta li l-ahhar pagament li ghamlet kien fil-21 ta' April 2011. Il-konvenuta tilmenta li ma komplitx thallas wara li ma kellhiex servizz tat-television u internet, u kienet hallset lill-attrici sal-2011. Qalet ukoll:

   *"Ghamilt xi 3 weeks incemplilhom u dawn ma gewx wara tliet gimghat u jiena ddecidejt li mmur mas-servizz tal-Melita….*

   *Iva nikkonferma li s-servizzi tieghi kien ta' bundle. It-television u l-internet ma kinux qed jahdmu. Le t-telephone ma kienx qed jahdem ghax parti minn internet."*

   Fil-fatt ipprezentat dikjarazzjoni tal-Melita plc li tghid:

   *"This is to confirm that customer had a bundle (TV, Internet, Telephone) with Melita which was disconnected on the 8$^{th}$ March 2010.*

   *On the 9$^{th}$ June 2011 customer reconnect bundle service again and also installed an additional outlet."*

Il-qorti tosserva li:

i. Mir-rendikont li pprezentat l-attrici (fol. 2) jirrizulta li kuntrarjament ghal dak li qalet il-konvenuta, m'huwiex minnu li hallset sal-2011.

ii. Ghall-qorti mhu xejn kredibbli li l-konvenuta ghamlet tlett gimghat iccempel l-ufficcju tal-attrici, u ma ntbaghat hadd biex jindirizza l-problemi li l-attrici tghid li kellha fis-servizz. Skond ix-xhud Wiffen, l-unici rapporti li dahlu kienu, *"… zewg faults irraportati, wiehed fit-2 ta' Novembru 2010 u rrizulta li t-TV set taghha kienet faulty u iehor wara li kien li l-pin ta' decoder fejn jidhol l-cable tal-aerial kien miksur u fil-fatt qalulha biex tmur ghand outlet tal-GO….."* (fol. 15). Verzjoni li ghal kollox tikkontradici dik li tat il-konvenuta, li kellha l-oneru li tipprova li ma kinitx qeghda tircievi ebda servizz.

iii. M'hemmx provi li l-attrici kienet unilateralment waqfet is-servizzi oggett tal-kuntratt li ffirmat il-konvenuta. Il-konvenuta xehedet li ma kellha l-ebda servizz u, *"Nghid illi s-servizzi kollha f'daqqa ma baqghux jahdmu. Iva nikkonferma."* (fol. 21). Pero' x-xhud Wiffen xehedet li s-sistema ma tahdimx bhala sistema wahda; *"igifieri t-televixin ikollu l-aerial, it-telephone ikollu point tat-telephone…"* (fol. 13). Ghalhekk il-qorti ssibha difficli temmen li f'daqqa l-konvenuta spiccat minghajr ebda servizz. Inoltre, l-istess xhud qalet li ma nstab l-ebda record li l-konvenuta kienet irraportat hsara fit-telephone u internet (fol. 15).

7. In-nuqqasijiet serji fis-sentenza jfissru li t-Tribunal skarta ghal kollox provi li fil-fehma tal-qorti kellhom iwassluh biex jilqa' t-talba attrici u semma wkoll fatti li ma jirrizultax mill-provi. Dan iwassal lill-qorti sabiex minghajr ezitazzjoni tikkonkludi li l-appell tal-attrici hu ammissibbli taht l-Artikolu 8(2) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380). Hu evidenti li t-Tribunal ma jistax jinghad li kien imparzjali meta qal li s-socjeta appellanti ma ressqitx provi, meta mill-atti jirriżulta mod ieħor. Dan wassal biex fis-sentenza saru dikjarazzjonijiet ghal kollox zbaljati li ppregudikaw lill-attrici. Provi li meta tqieshom iwasslu lil din il-qorti biex tikkonkludi li fuq bazi ta' probabilta l-verzjoni tal-attrici hi ferm iktar kredibbli minn dik tal-konvenuta.

**Ghal dawn il-motivi -**

1. **Tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-24 ta' Gunju, 2015.**
2. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.**
3. **Tilqa' t-talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' sitt mija u tnejn u sittin ewro u wiehed u hamsin**

**centezmu (€662.51), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba.**

**Spejjez kollha tal-kawza a karigu tal-konvenuta.**

Anthony Ellul.